

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ottubru 2010 — Cerafogli vs Il-Bank Ċentrali Ewropew

(Kawża F-96/08) ⁽¹⁾

(*Servizz pubbliku — Personal tal-BĊE — Remunerazzjoni — Żieda supplimentari tas-salarju — Promozzjoni ad personam — Konsultazzjoni mal-kumitat tal-personal sabiex jiġu stabiliti l-kriterji għall-għoti taż-żidiet supplimentari tas-salarju*)

(2011/C 13/70)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

Partijiet

Rikorrenti: Maria Concetta Cerafogli (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandenbussche, avukat)

Konvenut: Il-Bank Ċentrali Ewropew (rappreżentanti: F. Malfrère u N. Urban, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

Suġġett

L-annullament tad-deċiżjoni tal-BĊE li r-rikorrenti ma tingħatax il-benefiċċju ta' promozzjoni *ad personam* u l-kundanna tal-konvenut għall-ħlas ta' somma biex jiġi kkumpensat id-dannu morali subit mir-rikorrenti.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni li permezz tagħha l-Bank Ċentrali Ewropew irrifżuta li jaġhti lil M. C. Cerafogli żieda supplimentari tas-salarju għas-sena 2008 hija annullata.*
- (2) *Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kkundannat iħallas lil M. C. Cerafogli s-somma ta' EUR 3 000.*
- (3) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*
- (4) *Il-Bank Ċentrali Ewropew huwa kkundannat iħallas l-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 44, 21.02.2009, p. 75.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Ottubru 2010 — Vicente Carbajosa et vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-9/09) ⁽¹⁾

(“*Servizz pubbliku — Kompetizzjonijiet ġenerali EPSO/AD/116/08 u EPSO/AD/117/08 fil-qasam tal-ġlied kontra l-frodi — Att li jikkawża preġudizzju — Esklużjoni tal-kandidati wara r-riżultati miksuba fit-testijiet ta' aċċess — Inkoppenza tal-EPSO*”)

(2011/C 13/71)

Lingwa tal-kawża: il-Françiż

Partijiet

Rikorrenti: Isabel Vicente Carbajosa et (Brussels, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis u É. Marchal, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u B. Eggers, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni dwar l-adozzjoni u l-pubblikazzjoni tal-avviżi tal-kompetizzjonijiet EPSO/AD/116/08 u EPSO/AD/117/08 u tad-deċiżjonijiet dwar il-korrezżjoni tat-testijiet ta' preselezzjoni u tal-eżamijiet bil-miktub u dwar l-evalwazzjoni ta' u l-għoti ta' marki għall-eżamijiet orali.

Dispożittiv

- (1) *Id-deċiżjoni tal-Uffiċċċu Ewropew għas-Selezzjoni tal-Persunal (EPSO) li ma jinkludix lil I. Vicente Carbajosa, fir-rigward tal-kompetizzjoni EPSO/AD/117/08, u lil N. Lehtinen u M. Menchén, fir-rigward tal-kompetizzjoni EPSO/AD/116/08, fil-lista tal-kandidati mistiedna sabiex jippreżentaw applikazzjoni kompleta huma annullati.*
- (2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud bħala inammissibbi.*
- (3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha thati l-ispejjeż kollha.*

⁽¹⁾ ĠU C 82, 4.4.2009, p. 37.

Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tat-12 ta' Ottubru 2010 — Wendler vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-49/09) ⁽¹⁾

(*Servizz pubbliku — Uffiċċali — Pensjoni ta' rtirar — Ħlas tal-pensjoni — Obbligu li jinfet� kont bankarju fil-pajjiż ta' residenza — Libertà li jiġi pprovduti servizzi — Eċċeżżjoni ta' ordni pubbliku — Prinċipju ta' ugwaljanza*)

(2011/C 13/72)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Eberhard Wendler (Laveno Mombello, l-Italja) (rappreżentant: M. Müller-Trawinski, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Martin u B. Eggers, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Bauer u K. Zieleśkiewicz, aġenti)

Suġġett

L-annullament tat-talba tal-Kummissjoni li r-rikorrent jindika kont bankarju fil-pajjiż ta' residenza tiegħu, għall-finijiet tal-ħlas tal-pensjoni.

Dispożittiv tas-sentenza

- (1) *Ir-rikors ta' E. Wendler huwa miċħud.*